MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 678/2012

**Pineapple Media Limited**
**C-53057**

**vs**

**Gauci Johan**
**ID-232579-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mija u tmenin ewro (€1,180) rapprezentanti somma mhallsa lilu mis-socjeta’ attrici ghal hlas ta’ generator li l-konvenut biegh lis-socjeta’ attrici, liema generator konsenjat ma kienx skont l-*ispecifications* asseriti mill-konvenut meta gie mibjugh u ghalhekk is-socjeta’ attrici rritornat il-generator lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa; (i) illi mhux minnu li l-generator li gie mibjugh u kkonsenjat lir-rikorrenti ma kienx skont l-ispecifikazzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet; (ii) illi mhux minnu li l-generator gie ritornat lill-bejjiegh minhabba li ma kienx konformi mal-ispecifikazzjonijiet pattwiti, izda ghax zviluppa hsara bl-uzu li ghamlet bih is-socjeta’ attrici; (iii) illi t-talba tas-socjeta’ attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi din is-socjeta’ hija nvoluta fil-produzzjoni ta’ videos u films. Illi huma kienu jehtiegu generator, u ra reklam fuq is-sit elettroniku Maltapark, u ghalhekk avvicina lill-proprjetarju, u wara li ra dan il-generator, xtrah versu l-prezz ta’ elf ewro (€1,000). Illi qabel ma xtara dan il-generator hu ha persuna mieghu, lil certu Mark Filletti li kellu gharfien tekniku, sabiex dan jara l-generator u jkun jista’ jaghtih parir tekniku dwar jekk kienx jiffunzjona sew. Illi meta l-istess rapprezentant iltaqa’ mal-proprjetarju ta’ dan il-generator, hu avzah illi kellu bzonn generator li jiggenera 6 KVA ta’ energija, u kien accertat mill-persuna ma’ min iltaqa’ illi ma kienitx ser tkun problema. Gara pero’ illi meta uzawh l-ewwel darba, dan il-generator irrizultatlu hsara ghaliex ma kienx qed jiflah ghal *load* akbar minn 3 – 4 KVA; illi wara li uzawh fit-tieni okkazjoni, dan il-generator ma baqghax jiffunzjona u ghalhekk haduh lura minghand min gie mixtri. Huma gew avzati illi dan il-generator ma kienx jiflah ghal aktar minn 5.5 KVA, u li ghalhekk kien ser ibaghti b’*load* akbar minn 4 KVA. Hu gie nformat illi dan il-generator ma kienx qed jahdem

minhabba li kien marlu *fuse*, u ghalhekk seta' jigi msewwi facilment. Illi minkejja f'dan, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici talab il-flus lura, izda dan ma accetax li jirrifondieh il-flus. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici nsista mieghu illi ried generator li jiggenera 7 KVA ta' energija, jew li jinghata lura l-flus tieghu; hu gie avzat illi generator ta' 7 KVA kien jiswa' aktar, u li ghalhekk kellu jzied il-flus ma dawk 'gia mhallsa, izda l-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici ma accettax. Illi mistoqsi kemm ghadda zmien minn meta nxtara l-generator sa meta gie wzat l-ewwel darba, l-istess xhud iddikjara li ghaddiet madwar gimgha, u regghu wzawh madwar gimghatejn wara. Illi f'din it-tieni okkazjoni, l-generator waqaf jahdem. Mistoqsi kif kien jaf kemm kien qed jaghti *load* lil dan il-generator kull meta wzah, l-istess xhud iddikjara illi hu kien jaf x'bozoz kien qed juza, u kemm kienu jifilhu jew jehtiegu energija. Illi mistoqsi dwar ghalfejn hass il-htiega li jiehu mieghu persuna teknika sabiex jispezzjona dan il-generator, iddikjara li hu ha lil Mark Filletti mieghu sabiex jispezzjona l-generator f'dak li jirrigwarda l-funzjoni mekkanika tal-istess generator, u dan ghaliex il-habib tieghu – li m'ghandu ebda konnessjoni mas-socjeta' attrici – huwa mechanical engineer.

Illi l-imsemmi Mark Filletti ddikjara li hu technician tal-ajruplani, u minhabba li jezercita din il-professjoni, hu gie mitlub mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, li hu habib tieghu, sabiex imur mieghu jara generator li kien bil-hsieb illi jixtri. Illi dan il-generator haddmuh meta kienu ghand il-konvenut, u ddikjara li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kien interessat f'dan il-generator ghaliex kien jiggenera 7 KVA ta' energija, mentri s-socjeta' attrici kienet tehtieg madwar 6 KVA ta' energija. Iddikjara illi kellhom l-accertazzjoni tal-konvenut illi dan il-generator seta' jiggenera din l-energija, u ma setghux jivverifikaw dwar dan dak il-hin meta marru sabiex jarawh u jixtruh. Illi rrizultalu illi eventwalment meta dan il-generator beda jintuza ma kienx jiflah ghal dan il-*load*, u rrizulta li kien jiflah sa massimu ta' 5.5 KVA, u li ghalhekk ma kienx sufficjenti ghall-htigijiet tas-socjeta' attrici. Madanakollu, ddikjara wkoll illi din l-informazzjoni nghatat lilu minghand ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici. Illi bl-eccezzjoni tad-darba wahda li ra dan il-generator jiffunzjona – u cioe' dakinhar li mar mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici ghand il-konvenut sabiex jixtrih – hu ma regax ra dan il-generator jahdem, u ghalkemm jaf ghal x'hix kien intiz, ma jafx ghal x'hix intuza. Illi dwar il-hsara li rrizultat fil-generator ma seta' jaghti ebda informazzjoni, u fi kwalunkwe kaz, ma setax isewwija hu, ghaliex m'hix is-sengha tieghu; l-involviment tieghu kien limitat ghall-funzjoni tal-magna ta' dan il-generator, u cioe' li jaccerta illi din il-magna tiffunzjona sew.

Illi l-konvenut iddikjara illi hu kellu generator ghall-bejgh, u ghamel reklam fuq is-sit elettroniku MaltaPark, u li dan inbiegh lil zewgt irgiel li kienu marru sabiex jarawh f'Settembru 2011. Illi dawn dehru li kellhom certu ghaggla sabiex jixtru dan il-generator, u meta gie mistoqsi dwar l-energija li kien jiggenera dan il-generator, hu informahom illi kellu sahha ta' 5 KVA, kif kien hemm indikat fuq ir-reklam. Illi oltre dan, kien hemm indikat ukoll fuq l-istess generator x'voltagg u energija kien jiggenera. Illi l-konvenut iddikjara illi dawn iz-zewg persuni ma xeghluhx dan il-generator sabiex jipprovawh qabel ma xtrawh. Illi l-konvenut iddikjara li dawn iz-zewg persuni staqsewh jekk kellux generators li kellhom il-kapacita' li jiggeneraw aktar energija, izda avzahom illi dawn ikollhom magna akbar, u li ghalhekk kienu ghola fil-prezz, u kien jehtieg madwar tliet xhur sabiex jigi kkonsenjat. Illi l-persuna ma' min sar in-negozju ddikjara mieghu li kien jehtieg generator li jiggenera aktar minn 5 KVA ta' energija, izda li kien ser ikellmu 'l quddiem dwar il-possibilita' li jixtri wiehed akbar; u minkejja f'dan, il-persuni msemmija xtraw il-generator li kellu; illi gie pprezentat ritratt ta' dan il-generator specifiku li nbiegh lis-socjeta' attrici, u liema ritratt jinsab a fol. 28 tal-atti. Illi dan ir-ritratt ittiehed mill-konvenut wara li l-generator gie ritornat lura lilu mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici. Ma' dan il-generator tahhom l-ghodda li tkun mieghu u l-*manual* tieghu. Illi l-istess konvenut isostni illi qatt ma kellu generators li jiggeneraw aktar minn 5 KVA, u li fuq l-istess generator kien hemm *sticker* li tindika l-i*specifications* tieghu. Illi wara ftit taz-zmien dawn l-istess persuni avvicinaw lill-missier il-konvenut u lmentaw mieghu illi l-generator kien bil-hsara, u effettivament dan il-generator gie kkonsenjat lill-missier il-konvenut li sewwieh. Illi dan il-generator baqa' fil-pussess ta' missier il-konvenut, ghaliex ghalkemm ikkomunika diversi drabi mal-persuni li xtrawh sabiex imorru jigbruh, huma baqghu ma marrux ghalih.

Illi dwar dan il-generator, missier il-konvenut iddikjara li jaf li ibnu kellu generator ghall-bejgh, u li dan effettivament bieghu. Illi kien avvicinat mill-persuna li xtrah li lmenta mieghu illi dan il-generator ma kienx qed jaghtih is-sahha li xtaq. Gie mistoqsi dwar il-possibilita' illi jiehdu lura dan il-generator u jibdluh b'wiehed akbar, izda dan ix-xhud informa lill-persuna in kwistjoni li l-prezz ta' generator akbar kien ser ikun ferm ghola. Illi dan il-generator ittiehed ghand dan ix-xhud madwar xahrejn wara li nxtara minhabba li rrizultatlu xi hsara, u dan l-istess xhud zammu ghandu sabiex isewwih. Illi dan ix-xhud iddikjara li kien marlu biss *fuse*, u ghalhekk sewwih; izda meta kkomunika mal-proprjetarju tieghu sabiex imur jigbru, dan iddikjara li ma ridux lura u li minflok ried il-flus li kien hallas ghalih. Illi l-istess xhud sostna illi jkun hemm indikat fuq il-generator stess xi jkunu l-i*specifications*

tieghu, u ghalhekk mhux minnu illi l-konvenut qarraq b'min xtrah billi tah informazzjoni zbaljata.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob ir-rexxisjoni tal-bejgh tal-generator li hija xtrat minghand il-konvenut, u konsegwentement qed titlob refuzjoni tal-prezz li hi hallset lill-konvenut stante illi l-generator in kwistjoni ma kienx tal-kwalita' pattwita, in kwantu l-*ispecifications* tieghu ma kienux kif miftiehem. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici jsostni illi meta mar sabiex jara l-generator in kwistjoni, hu specifikament avza lill-konvenut li kellu bzonn generator li jiggenera aktar minn 6 KVA ta' energija, filwaqt illi l-konvenut jikkontendi illi hu avza lil min kien ser jixtri l-generator illi l-massimu tal-energija li dan il-generator seta' jiggenera kien ta' 5.5 KVA, u dan kif jirrizulta wkoll mill-*information panel* imwahhla mal-istess generator.

Illi l-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej: "*Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*"

Illi effettivament fil-kaz odjern ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ma wettaqx ordni ta' oggett li eventwalment gie kkonsenjat lilu mill-konvenut, izda mar jara oggett li kien gie reklamat fuq sit elettroniku, ghogbu u xtrah. Illi bhala stat ta' fatt irrizulta illi zviluppat xi hsara f'dan il-genertator – liema hsara l-konvenut u missieru ddeskrivewha bhala hsara minima u li giet facilment rimedjata – u li dan il-generator gie ritornat lill-konvenut, u aktar precizament, nghata lill-missier il-konvenut, u dan baqa' fil-pusess tieghu. Illi mill-atti tal-kawza u mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax illi dan il-generator gie depozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti, u ghalhekk baqa' fil-pussess tal-konvenut. Illi da parti tieghu il-konvenut, jew ahjar missieru, jidher illi ghamel xi tentattivi sabiex jikkomunika mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex javzah li l-hsara giet rimedjata u li ghalhekk seta' jmur jigbor il-generator; izda ma ha ebda azzjoni ohra sabiex jaccerta ruhu li l-oggett in kwistjoni jigi kkonsenjat lil sidu, l-akkwirent, u lanqas ma ha ebda azzjoni sabiex jiddisponi jew jisspusessa ruhu minn dan l-oggett. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu fil-pusess tieghu l-

oggett in kwistjoni – sakemm ma ddisponix minnu fil-frattemp – u zamm ukoll il-prezz li thallas mis-socjeta’ attrici ghal dan l-istess oggett.

Illi ghalkemm mill-provi mressqa mis-socjeta’ attrici ma rrizultax sodisfacentement illi l-konvenut qarraq bir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, meta allegatament bieghlu generator li kien jiggenera 5 KVA ta’ energija meta l-istess rapprezentant tas-socjeta’ attrici allegatament talbu wiehed li seta’ jiggenera aktar minn 6 KVA ta’ energija – u dan anke tenut kont tal-fatt illi huwa ferm probabbli illi fuq il-generator stess kien hemm indikati l-i*specifications* tal-generator li kien qed jigi mibjugh, u li ghalhekk dawn setghu gew verifikati mir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici minghajr il-htiega li jsiru xi testijiet jew provi dwar x’energija seta’ jiggenera – madanakollu, fattwalment irrizulta illi l-konvenut prezentement ghandu fil-pussess tieghu oggett li gie mibjugh lis-socjeta’ attrici, stante li dan l-oggett gie ritornat lilu, u l-istess konvenut zamm ukoll il-prezz tal-bejgh ta’ dan l-oggett. Illi ghalhekk, u ladarba l-konvenut zamm fil-pussess tieghu l-oggett li gie ritornat lilu – liema generator jidher illi gie ritornat lill-konvenut ftit xhur wara l-bejgh, u li ghalhekk baqa’ fil-pussess tieghu sakemm giet proposta din l-azzjoni, u oltre, ghaliex baqa qatt ma ddepozitah taht l-Awtorita’ tal-Qorti, lanqas wara li rcieva l-atti tal-kawza odjerna – ma jistax izomm ukoll il-prezz imhallas ghalih mis-socjeta’ attrici, ghaliex dan jikkostitwixxi arrikkiment indebitu.

Illi in bazi ta’ ekwita’, u ladarba rrizulta illi l-generator gie ritornat lill-konvenut u wara li saru xi tiswijiet zghar dan kien qed jiffunzjona mill-gdid, allura necessarjament isegwi illi it-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi akkolta, ghaliex ladarba l-generator in kwistjoni baqa’ fil-pussess tal-konvenut – u dan ghalhekk seta’, u jista’, jiddisponi minnu liberament billi jbieghu lil terzi – allura dan l-istat ta’ fatt iwassal ghal accettazjoni tacita da parti tal-konvenut tar-rexxisjoni tal-bejgh. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi necessarjament ghandha tigi akkolta t-talba tas-socjeta’ attrici, ghaliex altrimenti l-konvenut ikun qieghed fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz jarrikkixxi ruhu indebitament a propositu tas-socjeta’ attrici.

Illi wkoll in bazi ta’ ekwita’, u gialadarba jidher illi s-socjeta’ attrici ghamlet uzu minn dan il-generator, jew ittentat li tghamel uzu minnu fil-perjodu li dam fil-pussess taghha, it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghandu jkun hemm riduzzjoni zghira mill-prezz imhallas mis-socjeta’ attrici, u li ghalhekk ghandu jigi refuz lilha, u f’dan ir-rigward qed jillikwida *arbitrio boni*

*viri* tali somma li ghandha tigi mhallsa lura mill-konvenut lis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ disa’ mitt ewro (€900.00).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qed jilqa’ *in parte* t-talba tas-socjeta’ attrici u qed jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mitt ewro (€900.00), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------